# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Mejju, 2001**

**Numru 15**

**App. Nru. 253/97**

**Dr. Austin Sammut bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Twelve Islands Shipping Co. Ltd.**

**vs**

**Il-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali**

Ir-rikorrent nomine applika lill-intimat Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali ghar-registrazzjoni ta' disinn industrijali, ai termini ta' l-Art. 65 et seq. Tat-Tieni Parti tal-Kap 29. L-applikant iddiskriva d-disinn fl-applikazzjoni tieghu ghar-registrazzjoni bhal "a white opaque glass bottle with a brown top as per drawings attached". Flixkun karatteristiku li ilu snin uzat ghall-prodott Malibu f'Malta u internazzjonalment. Ma' l-

applikazzjoni l-appellant nomineipprezenta wkoll dikjarazzjoni, kif minnu rikjest, illi:

> "I do hereby declare that the accompanying BOTTLE design is new according to the Industrial Property (Protection) Ordinance (Cap. 29) and that it has never been published, manufactured, imported, sold or exhibited in any way whatsoever. I am aware that should the design be not new, its registration shall be null and void".

Jirrizulta wkoll illi permezz ta' ittra tat-30 ta' Gunju, 1997, l-appellat Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali informa lill-applikant illi

> "I regret that this application is not considered registerable since it cannot be considered as a new design as required by section 65 and 66 of the law".

**Appell**

Bil-prezenti istanza gie interpost appell mill-appellant minn din id-decizjoni ta' l-intimat li gie redatt fit-termini segwenti:-

> "Illi permezz ta' applikazzjoni datata 26 ta' Marzu, 1997, ir-rikorrent noe applika lill-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali ghar-registrazzjoni ta' disinn industrijali, ai termini tat-Tieni Parti (Art 65 et sequitur) ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali (Kap 29 tal-Ligijiet ta' Malta), u din kienet giet debitament accettata mill-Ufficcju tal-Proprjeta' Industrijali;
>
> Illi permezz ta' ittra datata 30 ta' Gunju, 1997, il-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali rrifjuta r-registrazzjoni ta' l-istess disinn;

Illi skond l-istess ittra, il-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali qed jirrifjuta li jirregistra d-disinn abbazi tal-fatt illi, skond il-fehma tieghu, l-istess disinn ma kienx "gdid", ai termini ta' l-Artikli 65 u 66 ta' l-Ordinanza hawn fuq imsemmija;

Illi l-appellant noe hass ruhu aggravat bid-decizjoni tal-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali u qieghed jinterponi umili appell minnha ghal quddiem il-Qorti ta' l-Appell kompetenti;

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;

L-appellant noe umilment jissottometti illi l-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali qieghed jaghti interpretazzjoni hazina tal-kelma "gdid" ai termini ta' l-Artikolu 65 u 66 ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali, kif ser jinghad;

Id-drittijiet li jakkwista awtur ta' disinn li jigi registrat huma estensjoni tad-drittijiet ta' l-awtur, maghrufin ahjar bhala "copyright", u l-protezzjoni hija ntiza sabiex jeskludi lil haddiehor milli jimita tali disinn;

Dan kien rifless f'mohh il-legislatur meta ghaddiet din l-Ordinanza mill-Assemblea Legislattiva u fil-fatt, il-Crown Advocate ta' dak iz-zmien ddeskriva dik il-parti ta' l-Ordinanza li titratta disinni u mudelli ta' manifattura kif ser jinghad:

"Il titolo secondo di questa Ordinanza e molto importante. In esso si tratta dei disegni e modelli di fabbrica. E inteso a dare un rimedio contro cio' che succede molte volte che cioe' un individuo, il quale dopo grande lavoro, forma un disegno od un modello di fabbrica, ne rimane espropriato senza compenso da un altro individuo che ne prende copia".

<u>Council of Government of Malta Debates 1899 Vol XXIII 3-6-316</u>

Illi ghaldaqstant, filwaqt illi l-Kontrollur m'huwiex qed jikkontesta l-validita' tad-disinn jew id-dritt ta' proprjeta' o meno tas-socjeta' appellanta ghall-istess disinn, qed jikkontesta biss il-fatt illi dan m'huwiex gdid;

Illi l-appellant noe umilment jissottometti illi bil-kelma "gdid", il-legislatur ried ifisser "originali" u b'hekk, jeskludi r-registrazzjoni ta' disinni jew mudelli f'isem persuni li m'humiex il-veru awturi taghhom;

Illi l-kelma “gdid” ma tistax tfisser ghajr “originali”, ghaliex kif jista’ wiehed jistabilixxi jekk disinn huwiex “gdid” jew le, jekk minghajr ebda kriterju ta’ zmien minn meta dan jigi originat?

Wiehed ukoll ghandu japprezza illi d-drittijiet tal-copyright li gew introdotti fil-1900, permezz ta’ l-Ordinanza hawn fuq imsemmija in konnessjoni ma’ registrazzjoni ta’ disinni u mudelli ta’ manifattura, ma baqghux kristallizzati, izda giew irfinati u zviluppati matul iz-zmien u estizi permezz tal-Ligi ta’ l-1967 dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Fil-fatt, ir-registrazzjoni ta’ disinn taghti protezzjoni lill-awtur ghall-perjodu ta’ hames snin li jista’ jigi estiz awtomatikament. Pero’, l-Ordinanza tipprovdi illi dan il-perjodu ta’ protezzjoni bl-ebda mod ma jista’ jmur oltre dak il-perjodu stabbilit fil-Ligi ta’ l-1967, li, ghal dak li jirrigwarda xogholijiet artistici, jigi preskritt fi zmien hamsa u ghoxrin sena minn dik is-sena tal-mewt ta’ l-awtur. Ghaldaqstant, ghalkemm il-Ligi tal-Copyright taghti drittijiet ta’ l-awtur minghajr ma tesigi r-registrazzjoni tax-xogholijiet bhal fil-kaz ta’ l-Ordinanza, il-kriterju ghall-protezzjoni dejjem baqa’ l-originalita’ tax-xogholijiet indipendentement minn meta gew originati. Dan ghandu jsahhah it-tezi ta’ l-appellant noe illi, bil-kelma “gdid”, il-legislatur ried jaghmel enfasi fuq l-originalita’ tax-xogholijiet.

Lanqas ma jista’ jinghad illi d-drittijiet ta’ l-awtur jixbhu dawk id-drittijiet li jigu akkwistati b’registrazzjoni ta’ patent. Fil-kaz ta’ patent, ir-registrazzjoni ta’ invenzjoni industrijali jew skoperta ghal perjodu ta’ erbatax-il sena tinghata sabiex, primarjament, l-awtur jigi rimborsat ghall-ispejjez li jkun ghamel u l-estensjoni ta’ dan il-perjodu m’huwiex awtomatiku, izda jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz, kif provdut fl-Artiklu 33 ta’ l-Ordinanza fuq imsemmija. Huwa ovvju illi invenzjoni u/jew skoperta huma “godda” min-natura taghhom, izda l-istess ma jistax jinghad ghal dak li jirrigwarda disinni;

In-natura ta’ registrazzjoni ta’ disinni tixbah iktar lil dik ta’ “trade marks”. Id-dritt ghar-registrazzjoni ta’ trade marks jinghata bil-kundizzjoni illi dawn m’humiex gia uzati legalment minn terzi (Art 81 (1) ta’ l-Ordinanza). Ghalkemm din il-kundizzjoni ma tinghadx esplicitament fil-kaz ta’ disinni, l-appellant noe umilment jissottometti illi din hija implicita fil-kelma “gdid”, u ma tistax tinghata tifsira ohra ghaliha;

Id-disinn mertu ta’ l-applikazzjoni gja giet registrata f’pajjizi ohra minghajr ebda diffikulta’, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’

l-appell, u l-esponenti noe ma jistax jifhem ir-ragunament tal-Kontrollur f'dan il-kaz;

In konkluzzjoni, l-appellant noe jissottometti illi l-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali ghandu jispjega sew dwar il-motivi ghar-rifjut tieghu u l-appellant ghandu jinghata d-dritt jirribatti din l-ispjegazzjoni. Nonostante dan u minghajr pregudizzju, l-appellant noe umilment jissottometti illi d-disinn mertu ta' l-applikazzjoni jissodisfa l-kriterji kollha ghal registrazzjoni, inkluz dik illi huwa gdid, ai termini ta' l-Art 65 u 66 ta' l-Ordinanza dwar il-Proprjeta' Industrijali;

Ghaldaqstant, l-esponent noe, filwaqt li jirrizerva illi jipproduci provi ohra permezzi mil-ligi, jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni ta' l-appellat kontenuta fl-ittra tieghu datata 30 ta' Gunju, 1997 u tordna illi l-applikazzjoni ta' l-appellant noe ghar-registrazzjoni tad-disinn datata 26 ta' Marzu, 1997, tigi milqugha u l-istes disinn jigi registrat mill-istess Kontrollur skond l-Art 75 ta' l-Ordinanza fuq imsemmija".

**Risposta**

L-intimat hekk irrisponda ghar-rikors ta' l-appell:-

"Illi l-applikazzjoni ta' l-appellant bilfors kellha tigi rifjutata, u dana peress li d-disinn sottomess ghall-attenzjoni ta' l-esponent jindika biss flixkun komuni li ma ghandu fih ebda karatteristici li jistghu effettivament jiddistingwuh minn tant u tant fliexken ohrajn li wiehed isib ghall-bejgh fis-suq.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talba ta' l-attur kellha tigi rifjutata peress illi d-disinn in kwistjoni ma kienx "gdid" kif jirrikjedu l-Artikolu 65 u 66 tal-Kapitolu 29.

Illi kuntrarjament ghal dak li qed isostni l-appellant, il-kelma "gdid" kif jirrikjedu l-Artikolu 55 u 66 tal-Kapitolu 29.

Illi inoltre, il-kriterju ta' originalita' fl-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur huwa differenti u separat mir-rekwizit li nsibu fl-Artikoli fuq imsemmija, u dan ghar-raguni illi li kieku l-legislatur ried li dan il-

kriterju japplika wkoll fil-kaz ta' disinji, seta' facilment juza l-kelma "originali" fl-Artikoli 65 u 66 minflok il-kelma "gdid".

Illi nfatti anki fi hdan il-ligi Ingliza, illi fuqha huwa ibbazat il-Kap 29 tal-Ligijiet ta' Malta, tezisti distinzjoni bejn il-kuncett ta' oggett "originali" u ta' oggett "gdid".

Illi jekk wiehed jara l-Artikolu 46 tal-Kap 29 stess illi jirrigwarda l-privattivi, insibu li l-legislatur qieghed jiddefinixxi oggett mhux gdid bhala oggett li "f'Malta jew barra, u qabel it-talba ghall-privattiva, tkun akkwistat pubblicita' bizzejjed biex jista' jsir uzu minnha", u huwa proprju fuq id-definizzjoni illi l-esponent qaghad biex sab illi d-disinn in kwistjoni m'huwiex gdid kif tirrikjedi l-ligi.

Illi l-interpretazzjoni illi l-esponent qieghed jaghti lill-kelma "gdid" hija msahha ulterjorment bil-kliem ta' l-Artikolu 70 tal-Kap 29, u b'mod partikolari s-subartikolu 2 ta' l-istess Artikolu 70, u dan billi, kieku l-kelma "gdid" ma kellhiex it-tifsira indikata mill-esponent, kieku ma kien ikun hemm ebda htiega li l-legislatur jinkludi l-imsemmi subartikolu, li gie inkluz proprju bhala eccezzjoni ghal dak li jipprovdu l-Artikoli 65 u 66.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma d-decizjoni ta' l-intimat in kwantu tikkonferma d-decizjoni tieghu li jirrifjuta li jilqa' l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tad-disinn sottomess mill-appellant".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Hemm qbil illi n-nodus iuris li ghandu jigi risolt f'dan l-appell hu l-interpretazzjoni tal-kelma "gdid" fl-artikoli 65 u 66 tal-Kap 29. Dawn jaqraw hekk:-

"65. L-inventur <u>ta' disinn</u> jew mudell <u>gdid</u> ta' manifattura jitqies li huwa s-sid tieghu, basta li ma jkunx ghamel dan id-disinn jew mudell ghal persuna ohra bi hlas xieraq, u f'dan il-kaz, din il-persuna l-ohra titqies is-sid tad-disinn jew mudell <u>gdid</u> ta' manifattura".

> 66. Is-sid ta' disinn jew mudell gdid ta' manifattura jista' jitlob u jottjeni illi d-disinn jew mudell tieghu ta' manifattura jigi irregistrat fil-limiti u taht il-kondizzjonijiet li sejrin jinghadu hawn 'il quddiem".

Is-Senior Principal tad-Dipartiment tal-Proprjeta' Industrijali hekk spjega il-motivazzjoni wara d-decizjoni tal-Kontrollur li jirrifjuta li jaccetta r-registrazzjoni:

> "Il-Qorti;- Allura intom, ghall-kaz partikolari fuq liema bazi rrifjutatju (ir-registrazzjoni) ?
>
> Xhud:- Ghaliex ghalina l-flixkun tal-Malibu qabel l-applikazzjoni kien ilu jezisti fis-suq, ha bizzejjed pubblicita' biex ma ghandux dritt ta' registrazzjoni.
>
> Il-Qorti:- Jigifieri l-fatt li jkun ilu fis-suq jeskludih mid-dritt ta' registrazzjoni?
>
> Ezatt:- Ezatt. Din jghidulha n-novelty criteria. In-novelty criteria hija iktar maghrufa fil-patents pero' hija maghrufa wkoll fid-designs.
>
> Il-Qorti:- Jigifieri intom l-bazi tar-rifjut kien il-fatt li dan il-flixkun kien ilu li kellu publcity ghal hafna snin qabel u allura ma kienx gdid u mhux registerable.
>
> Xhud:- Mhux registerable design………… Ghalhiex il-kuncett huwa mhux jekk biss jiddistingwix ruhu imma anke jekk hu stess giex uzat qabel. Jigifieri ghalina jekk gie uzat qabel mhux gdid. Huwa stess jiddistruggi n-novita' tieghu. Din hija s-sistema li tintuza.
>
> Il-Qorti:- Jigifieri r-registration hija marbuta man-novita' u jekk inti l-oggett tkun ilek taghmlu u tkun ilek taghmlu, allavolja xi haddiehor ma jkunx qed jaghmlu Malta, xorta inti ma tistax tirregistrah ghaliex kien ilu jigi hekk uzat ghal certu zmien.
>
> Xhud:- Ezatt".

Min-naha tieghu l-appellant nomine isostni li bil-kelma "gdid" il-ligi tirrikjedi illi d-disinn ghandu jkun "originali" u cioe' "gdid" meta mqabbel

ma' disinni ohra gia ezistenti fis-suq u appartenenti lil terzi. Jissottometti li li kieku ghall-grazzja ta' l-argument kellha tigi accettata t-tezi ta' l-intimat illi bil-kelma "gdid" il-legislatur ried ifisser "new" u mhux "novel", allura wiehed kien jippretendi minimament li kienu jezistu kriterji stabiliti dwar it-trapass ta' zmien bejn id-data ta' l-origini tad-disinn u d-data ta' l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni, liema kriterji la jezistu fil-ligi u lanqas bhala policy amministrattiva ta' l-istess ufficcju dwar il-proprjeta' industrijali kif gie ampjament konfermat mir-rapprezentanti tieghu.

Din il-Qorti f'dan il-punt tissottolineja li ma jidhirx li hu kontestat illi l-flixkun partikolari tal-Malibu, li d-disinn tieghu kienet qed tintalab ir-registrazzjoni, kellu forma, kulur u karatteristici partikolari ghalih facilment identifikabbli bhala r-recipjent li fih jigi smercjat il-prodott Malibu. U dana kif ilu jigi hekk mibjugh ghal hafna snin internazzjonalment. Certament allura ma setax jigi kontestat illi l-flixkun qua tali ma kienx gdid fis-suq fis-sens li qatt ma kien gie mibjugh f'Malta <u>qabel it-talba ghar-registrazzjoni tad-disinn</u>. Dan ghaliex kjarament jekk wiehed jiehu l-kelma gdid, f'dan is-sinifikat ristrett tat-terminu, wiehed kellu necessarjament jaccetta illi t-talba ghar-registrazzjoni fit-termin ta' l-artikoli 65 tal-Kap 29 kellha ssir bilfors qabel ma l-prodott jigi sewwa introdott fiq-suq Malti. Dan ghax appena jigi hekk introdott, wiehed seta' jobbjetta illi l-konsenja ta' wara ma kienetx gdida ghas-suq u allura d-disinn ma jkunx registrabbli. Interpretazzjoni restrittiva din tat-terminu

"gdid" illi ma tidhirx gustifikata mill-kelma u mill-ispirtu tal-ligi u lanqas mill-prattika segwita mill-intimat fir-registrazzjoni ta' disinni.

Lanqas ma tirrizulta li hi interpretazzjoni favorita fil-gurisprudenza nostrana u aktar u aktar minn dik ingliza. Infatti din il-Qorti, b'gudikat li ghalih l-kontendenti jaghmlu riferenza fis-sentenza "Dr. Pio M. Valletta noe vs. Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali" deciza fis-7 ta' Dicembru, 1990, qieset it-terminu "new" fit-test ingliz bl-istess mod kif ikkonsidrawh il-qrati nglizi, u cioe' fis-sens ta' "novel". Interpretazzjoni din li kienet toftom it-terminu mill-element ta' zmien, fis-sens illi d-disinn ma jibqax ma jitqiesx mhux gdid ghax ghadda z-zmien minn fuqu, u jmur ghas-sustanza ta' dak li kien gdid fid-disinn, u cioe' ghal dawk il-karatteristici li kienu jiddifferenzjawh minn disinni ohra ta' l-istess xorta. Kienu allura dawn il-karatteristici distintivi li jaghtuh l-element ta' "novelty" aktar milli ta' "newness", u li jaghmlu d-disinn registrabbli. Interpretazzjoni din li kienet allura timporta ezercizzju ta' paragun bejn id-disinn sottomess ghar-registrazzjoni u d-disinn ta' prodotti ohra kongruwi li maghhom kellu jigi mqabbel komparat biex jigi stabbilit proprju jekk kienux jokkorru dawn l-elementi karatteristici li jiddistingwu d-disinn li tieghu tkun qed tintalab registrazzjoni bhala wiehed "novel".

Fis-sentenza appena citata, infatti, insibu li din il-Qorti "wara li rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u pparagonat is-sockets (ta' l-elettriku)

esebiti, hija tal-fehma li min-naha l-wahda l-appellant irnexxielu jipprova "novelty" kemm fix-shape kif ukoll fil-"configuration" tad-disinn li talab li jirregistra, u kif minnu spjegat, u mill-banda l-ohra l-oggezzjonijiet ta' l-appellat ma jidhrux gustifikati……….Infatti, apparti l-funzjonalita' hemm ukoll l-aspett ta' originalita' fl-estetika tad-disinn li jintitola lill-appellant ghar-registrazzjoni mitluba". Din il-Qorti hi tal-fehma illi din id-decizjoni hija aktar konsoni ma' l-interpretazzjoni korretta li kellha tinghata lid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 65 u 66 tal-Kap 29.

Il-Kontrollur intimat infatti, jasal biex jaccetta li jekkwipara l-kelma "new" mal-kelma "novel". Naturalment ghax hu konxju illi l-gurisprudenza tal-qrati nglizi hija f'din id-direzzjoni. Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jigbidx il-konkluzzjonijiet gusti ta' l-interpretazzjoni li kellha tinghata lit-terminu "gdid". Hu stabbilit mill-provi li fil-kaz taht ezami l-Kontrollur ma dehrlux li kellu jikkonduci ezami komparattiv bejn id-disinn li tieghu ntalbet ir-registrazzjoni u fliexken ohra gia fis-suq lokali li kellhom l-istess karatteristici u li setghu, allura, jirrendu d-disinn ta' l-appellant nomine bhala mhux wiehed "gdid". Kif inghad, l-interpretazzjoni tal-Kontrollur hi fis-sens illi l-fatt innifsu illi l-prodott Malibu fil-fliexken in kwistjoni kien ilu zmien jigi mibjugh fis-suq lokali, kien jiskwalifika d-disinn tal-flixkun ghar-registrazzjoni billi dak id-disinn ma setghax jinghad li kien gdid fis-suq Malti. Mhux ghax kien hemm fliexken iehor bhalu, imma ghaliex l-istess prodott kien diga' lokalment rikonoxxut.

> "Whether a design is novel is a matter of fact to be decided by the eye. As already indicated, if the same shape or pattern, or one substantially similar, has previously been thought of in connection with any article of manufacture, and the idea published or registered, then the design will be deprived of its novelty. The previous idea or design will act as an anticipation of the later design and will be a bar to its protection……" (Copyright in Industrial Designs, Russell-Clarke 3rd Edition, p. 29 et seq).

Il-Kontrollur fis-sottomissjonjiet tieghu jindika illi l-ligi ngliza taghmel distinzjoni bejn it-terminu "new" u t-terminu "original". Imma anke hawn l-awturi jikkonfortaw it-tezi ta' l-appellant.

> "It is said that protection will be given to any design which is new or original. As to what distinction, if any, is to be drawn between the words new and original is doubtful. It may be that "new" means different from what has gone before, and that "original" has the same meaning as in the Copyright Act, that is originating from the author. It is also possible that the view advanced by Buckley L. J. in Dover vs. Nurnberger Celluloid Warren Fabrik is the correct one. There he said that "new" referred to cases where the shape or pattern was completely new in itself, whilst "original" referred to cases where though old in itself, it was new in its application to the article in question". "The words new and original involve the idea of novelty either in the pattern, shape or ornament itself, or in the way in which an old pattern, shape or ornament is to be applied to some special subject matter".

Din kienet, fil-fehma tal-Qorti, l-interpretazzjoni li kellha tinghata mill-Kontrollur lit-terminu "gdid" fid-disposizzjonijiet taht ezami. Interpretazzjoni li mhux biss kienet konsoni mas-sens popolari tal-kelma li jqis bhala tali disinn b'karatteristici li bhalu qabel ma kienx hemm fis-suq – li naturalment jeskludi l-prodott taht ezami nnifsu – imma wkoll

jirrifletti l-kelma u l-ispirtu tad-disposizzjonijiet taht ezami. Dan ghaliex li kieku il-ligi riedet tesprimi dak li skond il-Kontrollur kellha tkun interpretazzjoni gusta tal-kelma 'gdid', hi ma kienetx tikkwalifika d-disinn bhala gdid imma kienet esplicitament tesigi li d-disinn, sew jekk gdid, sew jekk mhux, kellu jkun gdid ghas-suq fil-mument meta jkun gie lokalment introdott u fil-mument meta tintalab ir-registrazzjoni tieghu.

Din il-Qorti ma tarax li hu utli l-ezercizzju li ghamlu l-kontendenti biex jittantaw jinterpretaw it-terminu "gdid" b'riferenza ghal artikoli ohra f'partijiet ohra tal-ligi li pero' ma kienux jirrigwardaw ir-registrazzjoni ta' disinni. Disposizzjonijiet li huma mahsuba ghal sitwazzjonijiet differenti u li f'kull kaz jistghu jigu nterpretati b'mod differenti li jissodisfa kemm lill-appellant nomine, kif ukoll lill-appellat. Din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tissofferma fuq dak li hi tikkonsidra li hi nterpretazzjoni gusta tat-termini fid-disposizzjonijiet infushom taht ezami billi ssegwi gurisprudenza anterjuri taghha ispirata ovvjament minn dik tal-qrati nglizi li, da parti taghhom, interpretaw il-ligi ngliza li, hu pacifiku, hi l-fonti ta' dik nostrana.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u konsegwentement din il-Qorti qed tirrevoka d-decizjoni ta' l-appellat kontenuta fl-ittra tieghu datata 30 ta' Gunju, 1997, u tordna li l-applikazzjoni ta' l-appellant nomine ghar-registrazzjoni tad-disinn datata 26 ta' Marzu, 1997, tigi

milqugha u l-istess disinn jigi registrat mill-Kontrollur appellat skond l-artikolu 75 ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali (Kap 29). L-ispejjez ta' dan l-appell kellhom, stante n-novita' tal-mertu, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mm